MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 2388/2003

**Defranco Enterprises Limited**

**Vs**

**J. G. S. Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm113.22c (mija u tlettax-il lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba u ta' l-Ittra Legali datata 8 t'Ottubru, 2003 u nteressi legali mid-data tal-konsenja li hija s-7 t'Ottubru, 2002 sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra n-Nota tac-Cessjoni tas-sorte pprezentata fil-11 ta' Dicembru, 2003 li permezz taghha s-socjeta' attrici cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont relattiv ghall-ispejjez ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------